**FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM, il-Gimgħa, 22 ta’ Lulju, 2016**

**Rik. Nru. 957/16JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 957/16 fl-ismijiet:

Mary Anne **BEŻŻINA**, Antonia Degabriele Pulliċino, u Anthony Salamone

vs

**MALTCO LOTTERIES LIMITED** (C – 32326)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-24 ta’ Ġunju, 2016, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti żżomm lill-kumpannija intimata milli “tittermina s-servizz tal-‘*online connection*’ tal-apparat fil-pussess tar-rikorrenti, minn mas-sistema ċentrali tagħha, jew li tieħu lura l-istess imsemmi apparat, fil-pussess tar-rikorrenti, kollox skond it-

theddid li ġie komunikat" lilhom fit-12 ta' Mejju, 2016, fid-9 ta' Ġunju, 2016, u fit-13 ta' Ġunju, 2016, rispettivament;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Ġunju, 2016, li bih laqgħet provviżorjament it-talba għall-finijiet u effetti tal-artikolu 875(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat in-notifika lill-kumpannija intimata bi żmien għat-Tweġiba u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tal-5 ta' Lulju, 2016;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-kumpannija intimata fl-1 ta' Lulju, 2016, li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissrin, laqgħet għat-talba tar-rikorrenti billi, wara li ċaħdet b'qawwa li hija b'xi mod heddet lir-rikorrenti, qanqlet kwestjoni preliminari fis-sens li r-rikors promotur ma jiswiex għaliex il-liġi ma tagħtix li talba bħal din issir minn tlieta min-nies differenti li għandhom magħha rabtiet kuntrattwali għal rashom u fejn iċ-ċirkostanzi tal-istess rikorrenti u l-ilmenti li Maltco għamlitilhom ma għandhom x'jaqsmu xejn ma' xulxin.  Fil-mertu, qalet li kulma fi ħsiebha tagħmel hu li twettaq il-ftehim li sar bejnha u l-istess rikorrenti u li fih hemm imsemmi b'mod ċar li hija għandha l-jedd li ttemm il-konnessjoni mas-sistema ċentralizzat tagħha f'każ li xi operatur ta' banka tal-lottu jonqos milli jwettaq ir-rabtiet tiegħu skond il-ftehim.  Hija tisħaq li meta wieħed jieħu qies taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u tal-prinċipju li l-kuntratt għandu s-saħħa ta' liġi għall-partijiet, għandu joħroġ ċar li ma jeżistux ir-rekwiżiti tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet waqt l-imsemmi smigħ;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Lulju, 2016, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

## *Ikkunsidrat:*

Illi tqis li r-rikorrenti qegħdin jitolbu biex il-Qorti żżomm lill-kumpannija intimata (minn issa 'l hemm imsejħa "Maltco") milli taqta' l-konnessjoni *on-line* tat-tagħmir li hija silfithom biex bih jistgħu jaħdmu bħala operaturi ta' banek tal-lottu fi bnadi f'Malta jew li titħalla tieħu lura l-imsemmi tagħmir mingħandhom, kif wissiethom li sejra tagħmel jew li tista'

tagħmel f'każ li xi nuqqasijiet li xliethom bihom ma jiħdux ħsieb jirranġawhom;

Tqis li r-rabtiet ta' kull wieħed u waħda mir-rikorrenti ma' Maltco huma regolati bi ftehim imsejjaħ "*agency agreement*" li jsir ma' kull riċevitur tal-lottu u skond il-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra[1];

Tqis li, sallum, il-ftehim ma' kull wieħed u waħda mir-rikorrenti għadu ma tħassarx, minkejja li Maltco wissiet lir-rikorrent Salomone[2] u lir-rikorrenti Degabriele Pulliċino[3] li jekk kemm-il darba jonqsu li jindirizzaw in-nuqqasijiet li ġibditilhom l-attenzjoni tagħhom għalihom, kien fi ħsiebha ttemm ir-rabta kuntrattwali u tieħu l-passi meħtieġa, magħduda l-qtugħ tas-servizz;

Tqis li, fir-rigward tal-eċċezzjoni ritwali, Maltco tgħid li l-liġi tagħti lil aktar minn persuna waħda l-jedd li flimkien jinqdew b'att ġudizzjarju wieħed biss fiċ-ċirkostanzi speċifiċi maħsuba fl-artikolu 161(3) tal-Kap 12 u għalhekk, talba bħal dik ma tistax issir fil-każ ta' Mandat ta' Inibizzjoni;

Tqis li, kif qalet għadd ta' drabi, il-Qorti normalment ma tidħolx fi kwestjonijiet marbuta ma' eċċezzjonijiet "preliminari" f'atti kawtelatorji li l-għan tagħhom huwa dak li jqisu l-għoti ta' rimedju limitat fiż-żmien u fl-għamla, eċċezzjonijiet "preliminari" ma jsibux posthom fi proċedura bħalma hija dik fejn jintalab il-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju. Dan jingħad għaliex it-tiftix li trid tagħmel il-Qorti għas-siwi ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ma għandux jitfixkel jew jitwaqqaf b'indaġni dwar kwestjonijiet ta' eċċezzjonijiet preliminari, jekk mhux għax jirriżulta xi difett fil-ħtiġijiet jew fil-forma li l-liġi titlob minn Mandat bħal dak[4]. Biex "eċċezzjoni" bħal dik tista' titqies, trid tkun waħda li torbot ma' xi nuqqas ewlieni marbut mas-siwi tal-att ġudizzjarju nnifsu jew ħwejjeġ marbuta ma' dan u li l-liġi tikkontemplahom meta tqis is-siwi ta' atti ġudizzjarji[5];

Tqis li, f'kull każ, l-"eċċezzjoni" ta' Maltco mhijiex mistħoqqa għaliex mhux biss il-liġi ma teskludix li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni jista' tabilħaqq jitressaq minn aktar minn persuna waħda (kif bosta drabi jsir), iżda wkoll għaliex l-għan u l-interess tat-tliet rikorrenti f'din il-proċedura huwa wieħed u l-istess: jiġifieri dak li Maltco ma titħalliex taqta' l-konnessjoni tas-servizz "*on-line*" u toħdilhom lura t-tagħmir li silfithom. Dan jgħodd ukoll jekk kemm-il darba kull wieħed u waħda mir-

---

[1] Dokti "MC1" sa "MC3", f'paġġ. 48 sa 161 tal-atti
[2] Dok "A", f'paġ. 5 tal-atti
[3] Dok "A", f'paġ. 6 tal-atti
[4] App. Ċiv. **11.5.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.242**)
[5] Art. 789 tal-Kap 12

rikorrenti jafu r-rabta kuntrattwali tagħhom ma' Maltco b'kuntratt għal rashom;

Tqis għalhekk li ma hemm xejn irritwali fil-mod kif ir-rikorrenti għażlu li jmexxu din il-proċedura, li tibqa' tiswa wkoll jekk kemm-il darba tintlaqa' t-talba tagħhom għall-ħruġ tal-Mandat u jagħżlu li jiftħu kawża kull wieħed għal rasu;

Tqis, fil-mertu, li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ ta' dak il-mandat[6];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[7]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[8];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[9]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak

[6] Art. 873(1) tal-Kap 12
[7] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[8] Art. 875(3) tal-Kap 12
[9] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li l-jedd *prima facie* li fuqu jistrieħu r-rikorrenti huwa dak li Maltco ma tistax taqbad u taqtagħha b'mod arbitrarju li huma kisru r-rabtiet kuntrattwali tagħhom u ttemm is-servizz jew taqtgħu minn rajha. Huma jgħidu li l-ftehim innifsu jgħid li, fejn ikun hemm xi kwestjoni marbuta mat-twettiq tal-kuntratt, il-partijiet għandhom jaraw li l-ewwel jippruvaw jaslu bil-kelma t-tajba u mbagħad, jekk ma jseħħilhomx, li jressqu l-kwestjoni għal arbitraġġ[10]: dak li ma tistax tagħmel Maltco hija li tixli u tiddeċiedi minn qabel u waħedha bla ma jkun intemm dan il-proċess;

Tqis li, min-naħa tagħha, Maltco tisħaq li l-jedd tagħha li taqta' s-servizz "*on-line*" huwa jedd li kull wieħed u waħda mir-rikorrenti aċċettaw meta iffirmaw il-ftehim u toħroġ mill-istess ftehim fi kliem ċar[11]. Mhux hekk biss, imma żżid tgħid li r-rikorrenti bi ħsieb naqsu li jressqu kopja tal-ftehim mat-talba tagħhom ħalli ma jħallux lill-Qorti tara li Maltco għandha tassew dak il-jedd;

Tqis li l-argument ta' Maltco ma jistax jintlaqa'. Fl-ewwel lok, il-klawsola 17(e) innifisha żżomm bla mittiefes u hija bla ħsara għall-kundizzjonijiet l-oħrajn fil-ftehim (u għalhekk, ukoll tal-klawsola 25). Fit-tieni lok, biex jista' jingħad li Maltco jkollha d-dritt li taqta' l-konnessjoni "*on-line*" ir-raġuni trid tkun waħda li dwarha ma jkunx hemm dubju. Issa mill-atti joħroġ ċar li, għall-anqas fir-rigward tar-rikorrenti Beżżina[12], tant il-kawża tan-nuqqas ta' bejgħ min-naħa tagħha ma toħroġx mad-daqqa t'għajn, li Maltco innifisha qaltilha li sejra tibgħat nies minn tagħha biex jiltaqgħu mar-rikorrenti ħalli jaraw x'inhu jwassal għal dak in-nuqqas;

Tqis li fi proċedura bħal din, il-Qorti trid tara biss jekk il-jedd pretiż ikunx jidher mad-daqqa ta' għajn u m'għandux ikun li tidħol fi stħarriġ li l-post xieraq tiegħu huwa f'kawża li tistħarreġ il-mertu;

Tqis li r-rikorrenti għandhom il-jedd li, sa ma tkun mistħarrġa l-kwestjoni (ukoll jekk ma jseħħilhomx iħolluha b'mod bonarju), ma jsir xejn li jista' jtemmilhom ir-rabta kuntrattwali li hemm bejniethom. F'dan ir-rigward, tajjeb li jingħad li l-liġi nnifisha tagħti li Mandat ta' Inibizzjoni jista' jintalab u jinħareġ fejn parti tkun għadha mqar sejra tagħmel azzjoni quddiem qorti[13], u dan tgħoddu bħala jedd biżżejjed biex issir talba għall-ħruġ ta'

[10] Klawsola 25 tal-ftehim
[11] Klawsola 17(e) tal-ftehim
[12] Ara Dok "A", f'paġ. 4 tal-atti
[13] Ara art. 876(1) tal-Kap 12

Mandat bħal dak. Il-liġi tagħti wkoll rimedju għal min jabbuża mill-ħruġ ta' atti kawtelatorji[14], imma ma ċċaħħadx minn qabel li wieħed jinqeda minnhom b'qies u f'ħarsien tal-jedd tiegħu;

Tqis għalhekk li ntwera li r-rikorrenti għandhom jedd mad-daqqa ta' għajn li jixraqlu jitħares bil-ħruġ tal-Mandat minnhom mitlub[15];

Tqis li, dwar il-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat sabiex l-għamil li l-kumpannija rikorrenti trid iżżomm lill-intimati milli jkomplu, il-Qorti ssib li dan l-element jirriżulta wkoll. L-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[16], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, f'dan il-każ, il-ħtieġa tinsab sodisfatta sewwasew minħabba li jekk kemm-il darba Maltco tibqa' tal-fehma li kull wieħed u waħda mir-rikorrenti kisru l-ftehim u ttemmilhom il-konnessjoni "*on-line*" il-ħsara li huma jġarrbu b'dak l-għemil tkun waħda qawwija u ma tistax titreġġa' lura. Dan minbarra li, effettivament, tkun tfisser li ma jistgħux jaħdmu aktar u jaqilgħu l-għixien tagħhom. Il-fatt li, jekk issir il-proċedura tal-arbitraġġ jew tinfetaħ il-kawża, l-arbitru jew il-Qorti jsibu li Maltco tkun imxiet ħażin, ma jistax jagħti r-rimedju sħiħ jekk kemm-il darba Maltco tkun tħalliet ittemm ir-rabta kuntrattwali li għandha ma kull wieħed u waħda mir-rikorrenti;

Tqis ukoll li l-fatt li kull wieħed u waħda mir-rikorrenti huwa aġent ta' Maltco u, kif issejħilhom hi, "*lunga manus*" tagħha, ma jagħtihiex il-jedd li tagħmel bihom kif jogħġobha bħallikieku ma kellhom l-ebda jedd x'iħarsu;

Tqis għalhekk li ntwera tajjeb biżżejjed li dan l-element jirriżulta wkoll;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat** billi jirriżultaw l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu; u

---

[14] Art. 836(9) tal-Kap 12
[15] Ara P.A. LSO **11.11.2014** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Albert Muscat et vs Maltco Lotteries Ltd***
[16] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***

**Tordna** li l-kumpannija intimata tħallas l-**ispejjeż ta' din il-proċedura**.

Mogħti kameralment illum, il-Gimgħa t-22 ta' Lulju, 2016.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**